**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 58 – IT-TNEJN 22 TA' NOVEMBRU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Kif bdiet il-laqgħa s-Sindku Anthony Dalli għamel riferenza għat-telfa tal-Kunsillier Joseph Camilleri u talab biex issir minuta silenzu b'rispett.

Wara informa lill-Kunsill li nkitbet ittra lill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali biex jinbeda l-proċess biex jinħatar Kunsillier ġdid skond l-Artilku 88 tat-Tielet Skeda tar-Regolament tal-1996 dwar l-Elezzjoni għall-Kunsill Lokali Kap. 363 Att dwar Kunsilli Lokali.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tmienja u ħamsin (58) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn id-9 ta' Novembru u t- 22 ta' Novembru 2010.

2.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2997/01. Din kienet korrispondenza mingħand il-Mepa fejn bagħtet rapport li 'rċeviet mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'.

2.3 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 3015/10. Il-Contract Manager tal-Kunsill għamel rapport u pjanti fuq il-ħajt li qiegħed iċedi fi Triq Ġuże' Ellul Mercer qabel ma' applika l-Mepa.

2.4 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għall-korrispondenza Nru. 3023/10 fejn qal li wara li kellu laqgħa fil-Kunsill Lokali stess maż-żgħazagh tal-grupp " Kunsill Lokali Żgħażagħ" tal-Iklin, u ħeġġiġhom biex jibqgħu jaħdmu għal-lokalita' tagħhom u jattendu l-laqgħat mal-Ministeru.

2.5 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera wkoll għall-korrispondenza Nru. 3032/10 fejn fuq talba mingħand il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali dwar "in-National Flood Relief Project", ħeġġeġ lir-residenti li jekk għandhom xi ġiebja jew bir fil-propjeta' tagħhom, jinfurmaw lill-Kunsill.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn id- 9 ta' Novembru u t- 22 ta' Novembru 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru. /135406 (Triq Carmelo Pace k/m Triq Enrico Naudi), din ġiet irrapurtata minnufih.

3.3 Rigward ilment 09/11-1 dwar barriera ħdejn l-arblu tan-Net fejn qiegħed jintefgħu xi skips u jinħarqu l-affarijiet. Il-Kunsill sejjer jara ta' min hi u jieħu passi.

3.4 Rigward ilment Nru. 15/11-1 li hemm xi siġar telgħin minn taħt it-tarmak fi Triq Frederick Borg biex il-Kunsill jieħu passi. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jara x'jista' jsir.

3.5 Rigward ilment Nru. 15/11-2 li hemm bżonn li titnaddaf Triq Frederick Borg u ilment 19/11-2 fi Triq Carmelo Pace għaliex

qatt ma jgħaddi kennies u maħmuġin. Għalkemm il-kennies jgħaddi jiknes in-naħa ta' fuq ta' l-Iklin darba fil-ġimgħa, il-Kunsill sejjer jara għaliex ix-xogħol mhux qed isir sewwa.

3.6 Rigward ilment Nru. 18/11-1 li fi Triq Enrico Naudi inqala' arblu tad-dawl minn fuq il-bankina u tħalliet ħofra kbira. Biex il-Kunsill jieħu passi. Il-Kunsill sejjer jibgħat in-nies biex din il-ħofra timtela.

3.7 Dwar talba Nru. 19/11-2 biex ħdejn il-ħanut Bodi jsir aktar dawl għaliex hemm ħafna dlam. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

3.8 Dwar talba Nru. 19/11- 4 biex titwaħħal bozza ġdida fl-inħawi tal-Keune fi Triq Geronimo Abos għaliex hemm ħafna dlam. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

3.9 Rigward rapport Nru. /135558 li d-dawl tat-toroq Ġuże' Bonnici, Ġuże' Ellul Mercer u Pjazza Ninu Cremona u parti minn Triq Dun Karm m'humhiex jixgħelu. Il-Kunsill ħa passi minnufih u informa lill- Enemalta.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 00737/10. 5 & 7 Triq Ċensu Bugeja. Tabella bid-dawl biex titpoġġa fuq il-faċċata tax-showroom. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.3 Dwar 01760/09. Majjorkin, Triq il-Klin. Tibdil tal-uż ta' parti tal-garaxx għal-ħanut taż-żebgħa u twaħħil ta' tabella. Biex jinżamm parti mill-garaxx għal-parkeġġ ta' vettura privata. L-applikazzjoni ma' ġietx approvata. Id-deċizjoni oriġinali tibqa'.

5.4 Kien hemm applikazzjoni ġdida:

PA 04728/10. Biex isir xogħol addizzjonali u alterazzjonijiet fir-residenza eżistenti. 87, Triq Dun Karm c/w Triq Ġużè Bonnici.

## 6. LAQGĦA TAL-LOKALITA'

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li din is-sena il-laqgħa sejra ssir kmieni peress li s-sena finanzjarja tibda fl-1 ta' Jannar.
Għaldaqstant id-data ġiet iffissata għal-Ħadd 12 ta' Diċembru 2010 fl-10.00am fis-Sala tal-Kunsill.
Il-Kunsill għandu joħrog l-avviżi fil-gazzetti prinċipali u l-Gazzetta tal-Gvern.

## 7. ATTIVITAJIET TAL-MILIED.

7.1 Is-Sur Anthony Dalli ħabbar l-attivitajiet finali għal-Milied:
Ħarġa għal-Anzjani – High Tea; din issir bejn is-26 u t -31 ta' Diċembru.
Film għat-tfal isir fid-29 ta' Diċembru.
Il-Presepju sejjer isir fil-21, 22 u 23 ta' Diċembru.
Bħal ma għamilna s-sena l-oħra sejjer jkun hemm prespju "ħaj' bi dawl madwaru, u ikel tradizzjonali Malti.
L-Ikla ta' Kunsilliera u l-Istaff issir is-Sibt 18 ta' Diċembru.

Din is-sena d-dawl tat-triq mhux sejjer isir bħas-sena l-oħra, iżda isir fuq il-bini tal-Kunsill, b'mod differenti.

## 8. IL-PROĠETT: "SUSTAINABLE ENERGY ACTION PLAN"

8.1 Is-Sur Dalli irrefera għal- Proġett ta' tnaqqis ta' emissjonijiet fil-lokal u qal li wara li sar ir-rapport SEAP skond il-kriteriji stabbiliti mill-Patt tas-Sindki tal-Unjoni Ewropea, issa kien wasal iż-żmien biex nibdew il-proċess.

8.2 Għaldaqstant is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jaqraw ir-rapport li kienet ħejjiet il-kumpanija Econing u minn ikollu xi suġġeriment jgħaddih lis-Segretarju.

8.3 Dan il-proġett għandu jibda jitwettaq f'Jannar li ġej.

## 9. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

9.1 Is-Sur Dalli irrefera għal-laqgħa li kellu nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru ma' l-Inġiniera tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar l-ittra li bagħat il-Kunsill Lokali fuq żbroff ta' drenaġġ fi Triq Naxxar Service Road kull meta tagħmel ix-xita. Dan jaffettwa wkoll Triq Lewis F. Mizzi u Triq Ċensu Bugeja.

9.2 Hu spjega kif id-drenaġġ jidħol fid-djar tan-nies u barra li qed jikkawżalhom ħsara fil-bini jkun ukoll ta' inkonvenjenza kbira.

9.3 L-Inġiniera talbu lis-Sindku biex imorru fuq il-post biex jaraw minn fejn joħroġ u ltaqghu ma' xi residenti.

9.4 Dawn ikkonfermaw li sejrin imexxu r-rapport biex jittieħdu passi.

## 10. AĠĠORNAMENT

10.1 Peress li ma' kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2010 fil-5.30pm.

9.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2010 fil-5.30pm.

________________

**Anthony Dalli**
Sindku

________________

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv